A.L. 180 ta' l-2008

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING*
(KAP. 373)

Regolamenti ta' l-2008 dwar *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 fuq il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu, inkluża d-Direttiva 2006/70/KE tal-Kummissjoni Ewropea ta' l-1 ta' Awissu 2006 li tistipula miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE dwar it-tifsira ta' persuni politikament esposti u dwar il-kriterji tekniċi għal diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent iktar simplifikata u għal eżenzjoni abbażi ta' attività finanzjarja li tkun qegħda tiġi ġestita fuq bażi okkażjonali jew waħda li tkun limitata ħafna, skond emendi li jistgħu jsiru minn żmien għal żmien, u kull miżura implimentattiva oħra li tista' tinħareġ taħthom.

Tifsir u applikazzjoni.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"applikant għall-kummerċ" tfisser persuna ġuridika jew naturali, kemm jekk tkun qegħda taġixxi bħala prinipali jew aġent, li tkun qegħda tfittex li tifforma relazzjoni kummerċjali, jew li tagħmel xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien ma' persuna li tkun qegħda taġixxi fil-kors jew ta' kummerċ finanzjarju rilevanti jew ta' attività rilevanti;

"l-Att" tfisser l-Att kontra *Money Laundering*;

"attività rilevanti" tfisser l-attività ta' dawn il-persuni ġuridiċi jew naturali li ġejjin meta dawn ikunu qegħdin jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom:

(a) awdituri, *accountants* esterni u konsulenti dwar it-taxxa, inkluż meta dawn ikunu qegħdin jaġixxu skond kif provdut fil-paragrafu (ċ);

(b) aġenti ta' proprjetà immobbli;

(ċ) nutara u professjonisti ġuridika indipendenti oħra meta dawn jipparteċipaw, jew billi jaġixxu f'isem u għall-klijent tagħhom f'xi operazzjoni finanzjarja jew li tirrigwarda l-proprjetà immobbli jew billi jassistu fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet għall-klijenti tagħhom dwar:

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

(ii) l-amministrazzjoni ta' flus, titoli jew kull attiv ieħor tal-klijenti, kemm-il darba dik l-attività ma ssirx taħt liċenza maħruġa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

Kap. 370.

(iii) il-ftuħ jew l-amministrazzjoni ta' kontijiet tal-bank, tifdil jew titoli;

(iv) l-organizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa għall-ħolqien, it-tħaddim jew it-tmexxija ta' kumpanniji;

(v) il-ħolqien, it-tħaddim jew it-tmexxija ta' *trusts*, kumpanniji jew strutturi bħal dawk, jew meta jaġixxu bħala *trust* jew provditur ta' servizz ta' kumpannija;

(d) *trust* u provdituri ta' servizz ta' kumpannija li ma jkunux diġà koperti taħt il-paragrafi (a), (ċ), (e) u (f);

Kap. 330.

(e) kumpanniji *nominee* li jkollhom *warrant* taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u li jaġixxu fir-rigward ta' kumpanniji xolti li jkunu reġistrati taħt dak l-Att;

Kap. 331.

(f) kull persuna li tkun qegħda tipprovdi servizz ta' *trustee* jew xi servizz ieħor bħala fiduċjarju, sew jekk awtorizzat sew jekk mhux, skond l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*;

(ġ) detentur ta' lienza ta' każinò;

(h) persuni naturali jew ġuridiċi oħra li jkunu qegħdin jikkummerċjaw xi oġġetti kull meta il-ħlas isir fi flus kontanti f'ammont ekwivalenti għal ħmistax-il elf euro (€15,000) jew iżjed sew jekk l-operazzjoni issir f'darba waħda jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin;

(i) attività li tkun assoċjata ma' attività li tinkwadra taħt il-paragrafi (a) sa (h);

"attività kriminali" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-frażi fl-Att;

"awtorità ta' sorveljanza" tfisser –

(a) Il-Bank Ċentrali ta' Malta;

(b) l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(ċ) ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet li jkun qed jaġixxi taħt l-artikoli 403 sa 423 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

(d) persuna maħtura mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet taħt l-artikoli 403 sa 423 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

(e) spettur maħtur taħt l-artikolu 30 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, inkluż meta dak l-ispettur jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, bis-saħħa ta' l-artikolu 54 ta' l-Att; Kap. 403. Kap. 487.

(f) persuna maħtura taħt l-artikolu 20 jew l-artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

(ġ) persuna maħtura taħt l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

(h) persuna maħtura taħt l-artikolu 13 jew l-artikolu 14 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

(i) l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob li taġixxi taħt l-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor, u l-Att dwar il-Logħob, u r-regolamenti kollha maħruġin taħt dawk l-Atti; Kap. 438. Kap. 400.

(j) persuna maħtura taħt l-artikolu 17 ta' l- Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor;

(k) il-Kontrullur tad-Dwana meta jkun qiegħed jaqdi dmirijietu taħt xi regolamenti li jistgħu jinħarġu jew li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u li jkollhom x'jaqsmu mal-moviment transkonfini ta' flus kontanti u ta' strumenti finanzjarji oħra;

"finanzjar ta' terroriżmu" tfisser l-imġieba deskritta fl-artikoli Kap. 9. 328F u 328I it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali;

"grupp ta' kumpanniji" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-frażi "kumpannija minn grupp" fl-Att dwar il-Kumpanniji b'dan illi, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandha wkoll tinkludi lil kull korp magħqud ieħor li jkun reġistrat jew li jopera f'ġurisdizzjoni ta' fama u li jkun jagħmel parti mill-grupp ta' kumpanniji u li jkollu iktar minn ħekk liċenza jew ikun xort'oħra awtorizzat taħt il-liġijiet ta' dik il-ġurisdizzjoni li jiġġestixxi kull attività ekwivalenti jew għal kummerċ finanzjarju rilevanti jew għal attività rilevanti;

"ġurisdizzjoni ta' fama" tfisser pajjiż li jkollu miżuri leġislattivi adatti għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu, fil-qjies tas-sħubija ta' dak il-pajjiż fi, jew kull dikjarazzjoni jew akkreditament minn, xi organizzazzjoni internazzjonali rikonoxxuta bħala li tistabbilixxi *standards* li jiġu aċċettati internazzjonalment għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u għall-ġlieda konta l-iffinanzjar ta' terroriżmu, u li jissorvelja persuni naturali u ġuridiċi bla ħsara għal dawk il-miżuri leġislattivi li jirrigwardaw il-konformità ma' dan;

"Każ 1" (negozjati) tfisser kull każ fejn in-negozjati isiru bejn il-partijiet bil-għan li tiġi iffurmata relazzjoni kummerċjali bejnithom;

"Każ 2" (suspetti) tfisser kull każ fejn, minkejja kull eżenzjoni jew limitu, dwar xi operazzjoni, persuna li tkun qegħda tittratta l-operazzjoni tkun taf jew ikollha suspett li l-applikant għall-kummerċ seta' kien, ikun, jew jista' jkun involut fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li l-operazzjoni tkun qegħda ssir f'isem xi persuna oħra li setgħet kienet, tkun, jew tista' tkun involuta fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu;

"Każ 3" (operazzjoni kbira singola) tfisser kull każ fejn, dwar xi operazzjoni, ikun irid isir ħlas minn jew lill-applikant għall-kummerċ f'ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jew iżjed, u, meta xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien tkun tinvolvi xi trasferiment ta' flus jew għoti lura skond ir-regolament 7(11), l-ammont li għandu jitħallas ikun ta' elf euro (€1,000) jew iżjed;

"Każ 4" (serje ta' operazzjonijiet) tfisser kull każ fejn, dwar żewġ operazzjonijiet jew aktar:-

(a) ikun jidher sa mill-bidu lill-persuna li tkun qegħda tittratta xi waħda mill-operazzjonijiet li –

(i) l-operazzjonijiet ikunu qegħdin isiru mill-istess persuna u jkunu ta' l-istess xorta, u

(ii) l-ammont totali, dwar l-operazzjonijiet kollha, li jkollu jitħallas minn jew lill-applikant għall-kummerċ ikun ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jew aktar; jew

(b) f'xi stadju aktar tard dik il-persuna jkun jidhrilha li jkunu twettqu d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a)(i) u (ii);

"każinò" għandu jkollha l-istess tifsira bħalma jingħatalha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Logħob u "detentur ta' liċenza ta' każinò" f'dawn ir-regolamenti għandha tiftiehem skond hekk;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea u, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, tinkludi Stati ŻEE;

"Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-fraži fl-Att;

"kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul" tfisser il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni ta' xi waħda mill-klassijiet speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"kummerċ finanzjarju rilevanti" tfisser -

(a) kummerċ bankarju jew kummerċ li jinvolvi istituzzjoni ta' flus elettroniċi, li jsir minn persuna jew istituzzjoni li tkun matul dak iż-żmien awtorizzata, jew meħtieġa li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

(b) attività ta' istituzzjoni finanzjarja li ssir minn persuna jew istituzzjoni li tkun matul dak iż-żmien awtorizzata, jew meħtieġa li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

(ċ) kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul li ssir minn persuna jew istituzzjoni li tkun matul dak iż-żmien awtorizzata, jew meħtieġa li tkun awtorizzata, taħt id-

disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni jew li tkun iskritta jew meħtieġa li tkun iskritta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;

(d) servizzi ta' investiment li jsiru minn persuna jew istituzzjoni li jkollhom liċenza jew li jkunu meħtieġa li jkollhom liċenza taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

(e) servizzi ta' amministrazzjoni għal skemi ta' investiment kollettiv li jsiru minn persuni jew istituzzjonijiet rikonoxxuti jew li jkunu meħtieġa li jkunu rikonoxxuti taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

(f) skema ta' investiment kollettiv li jkollha liċenza jew li tkun rikonoxxuta, jew meħtieġa li jkollha liċenza jew li tkun rikonoxxuta, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

(ġ) attività li ma tkunx skema jew fond għal min jirtira, u li ssir għar-rigward ta' xi skema, minn persuna jew istituzzjoni li tkun reġistrata jew meħtieġa li tkun reġistrata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att li jirregola Fondi Spejali u għall-fini ta' dan il-paragrafu, "skema" u "fond għal min jirtira" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti lilhom f'dak l-Att;

Kap. 450.

(h) attività ta' suq regolat u dak ta' depożitu ċentrali ta' titoli li tkun awtorizzata jew meħtieġa li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

Kap. 345.

(i) attività taħt paragrafi (a) sa (h) li ssir minn fergħat imwaqqfa f'Malta u li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom ġewwa jew barra mill-Komunità;

(j) attività li tkun assoċjata ma' xi negozju li jkun jinkwadra fil-paragrafi (a) sa (i);

Kap. 386.

"kumpannija" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kumpanniji;

"*money laundering*" tfisser l-għemil ta' xi att li jikkostitwixxi reat taħt l-Att, jew fil-każ ta' xi att li jsir band'oħra milli f'Malta, ikun jikkostitwixxi dak ir-reat li kieku dan ikun sar f'Malta;

"operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien" tfisser operazzjoni li ma tkunx operazzjoni li ssir fl-eżerċizzju ta' relazzjoni kummerċjali stabbilita iffurmata minn persuna li tkun jew qegħda taġixxi matul kummerċ finanzjarju rilevanti jew matul attività rilevanti;

"persuna suġġetta" tfisser persuna ġuridika jew naturali li tkun qegħda twettaq jew kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti;

"persuni politikament esposti" tfisser persuni naturali li jkunu fdati jew ikunu ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti u tinkludi lill-membri tal-familja tagħhom fil-qrib jew lill-persuni li jkunu magħrufin bħala sħab fil-qrib ta' dawk il-persuni, iżda ma tinkludix uffiċjali ta' grad tan-nofs jew uffiċjali li jkollhom grad inqas;

"provdituri ta' *trust* u ta' servizz ta' kumpannija" tfisser persuna naturali jew ġuridika li, b'mod kummerċjali, tipprovdi xi wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin lil terzi:

(a) l-iffurmar ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra;

(b) li taġixxi bħala persuna, jew li tirranġa biex persuna oħra tagħmilha ta' direttur jew segretarju ta' kumpannija, soċju f'soċjetà, jew ikollha xi posizzjoni simili fir-rigward ta' persuni ġuridiċi oħra ;

(ċ) li tipprovdi uffiċċu reġistrat, indirizz kummerċjali u servizzi relatati oħra għal kumpannija, soċjetà jew persuna ġuridika jew arranġamenti oħra;

(d) li taġixxi bħala persuna, jew li tirranġa biex persuna oħra tagħmilha ta'*trustee* ta' *trust* espressa jew ta' xi arranġament ġuridiku simili;

(e) li taġixxi bħala persuna, jew li tirranġa biex persuna oħra tagħmilha ta' azzjonarju *nominee* għal persuna oħra li ma tkunx kumpannija elenkata fuq borża tal-kambju uffijali li tkun soġġetta għal ħtiġiet ta' żvelar konformement ma' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, jew li tkun soġġetta għal *standards* internazzjonali ekwivalenti;

"relazzjoni kummerċjali" tfisser relazzjoni kummerċjali, professjonali jew ta' negozju, li tkun mistennija li jkollha element ta' tul ta' żmien, bejn żewġ persuni jew iżjed, li mill-inqas persuna

minnhom tkun qegħda taġixxi matul jew xi kummerċ finanzjarju rilevanti jew ta' attività rilevanti;

"relazzjoni kummerċjali stabbilita" tfisser relazzjoni kummerċjali iffurmata minn persuna li tkun qegħda taġixxi matul jew kummerċ finanzjarju rilevanti jew xi attività rilevanti meta dik il-persuna tkun wettqet id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt il-proċeduri minnha adottati skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar il-formazzjoni ta' dik ir-relazzjoni kummerċjali;

"*shell bank*" tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni li tiġġestixxi attivitajiet ekwivalenti, inkorporata f'ġurisdizzjoni fejn ma jkollha ebda preżenza fiżika, li tinvolvi konoxxenza u amministrazzjoni, u li ma tkunx affiljata ma' xi grupp finanzjarju regolat;

"sid benefiċjarju" tfisser il-persuna jew persuni naturali li finalment ikunu jippossjedu jew jikkontrollaw lill-klijent u, jew il-persuna jew persuni naturali li operazzjoni tkun qegħda ssir f'isimhom, u:

(a) fil-każ ta' korp magħqud jew korp ta' persuni, is-sid benefiċjarju jinkludi lil kull persuna jew persuni naturali li:-

(i) finalment jippossjedu jew jikkontrollaw, sew jekk ikunu sidien sew kontrolluri diretti jew indiretti, inklużi, meta dan ikun japplika, permezz ta' parteċipazzjoni azzjonarja *bearer*, iżjed minn 25% ta' l-ishma jew jeddijiet ta' votazzjoni f'dak il-korp magħqud jew korp ta' persuni li ma jkunux kumpannija elenkata f'suq regolat skond il-ħtiġiet ta' żvelar li joħorġu mill-liġijiet Komunitarji jew minn *standards* internazzjonali ekwivalenti; jew

(ii) xort'oħra jeżerċitaw kontroll fuq l-amministrazzjoni ta' dak il-korp magħqud jew korp ta' persuni; u

(b) fil-każ ta' xi entità ġuridika oħra jew arranġament ġuridiku ieħor li jamministra u jqassam fondi, is-sid benefiċjarju jinkludi:-

(i) meta jkun ġie deċiż min huma l-benefiċjarji, persuna naturali li tkun il-benefiċjarju ta' mill-inqas 25% tal-proprjetà ta' l-entità jew arranġament legali;

(ii) meta ma jkunux għadhom ġew deiċiżi min huma l-benefijarji, il-klassi ta' persuni li l-entità jew arranġament ġuridiku ikunu mwaqqfin jew joperaw fl-interess ewlieni tagħhom;

(iii) persuna naturali li tkun mill-inqas tikkontrolla 25% tal-proprjetà ta' l-entità jew arranġament legali; u

(ċ) fil-każ ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul, is-sid benefiċjarju għandu jitqies li jkun il-benefiċjarju taħt il-polza;

"skema ta' investiment kollettiv", "parteċipanti" u "*units*" għandhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lil dawn il-frażijiet rispettivament fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li hu parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif jista' jiġi emendat b'attijiet sussegwenti;

"terroriżmu" tfisser kull att ta' terroriżmu kif imfisser fl-artikolu 328A tal-Kodiċi Kriminali.

(2) Meta dawn ir-regolamenti jiġu estiżi għal professjonijiet u kategoriji oħra ta' impriżi li ma jkunux dawk imsemmija f'dan ir-regolament u li jkollhom l-attivitajiet tagħhom li partikolarment x'aktarx jintużaw għall-finijiet ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw kollha kemm huma jew f'parti minnhom skond ma jiġi stabbilit f'dik l-estensjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jgħarraf lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'dan permezz tal-kanali adatti stabbiliti.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom ukoll japplikaw meta jseħħ jew jitwettaq 'kummerċ finanzjarju rilevanti' jew 'attività rilevanti' kif imfissra f'dan ir-regolament permezz ta' l-Internet jew mezzi elettroniċi oħra.

(4) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jistabbilixxi, jew ikun altrimenti mgħarraf, li xi ġurisdizzjoni partikolari tkun konformi mal-kriterji ta' 'ġurisdizzjoni ta' fama' kif imfissra f'dan ir-regolament, dan għandu jgħarraf lill-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħra tal-Komunità u lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea permezz tal-kanali stabbiliti adatti.

Kummerċ finanzjarju rilevanti li jsir minn żmien għal żmien jew fuq bażi għalkollox limitata.

3. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi li persuni ġuridiċi u naturali li jkunu involuti f'xi attività finanzjarja li ssir minn żmien għal żmien jew fuq bażi għalkollox limitata u meta jkun hemm ftit riskju li jseħħ *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, ma jinkwadrawx fil-kuntest ta' kummerċ finanzjarju rilevanti kif imfisser għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Sabiex jistabbilixxi dak provdut taħt is-subregolament (1), il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu, bla ħsara għas-subregolament (3), japplika dawn il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-ammont totali ta' qliegħ ta' l-attività finanzjarja ma jkunx jeċċedi l-ħmistax-il elf euro (€15,000), u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi limiti differenti li ma jeċċedux dan l-ammont skond ma jiddependi mit-tip ta' attività finanzjarja;

(b) kull operazzjoni għal kull klijent ma tkunx teċċedi l-ħames mitt euro (€500) sew jekk l-operazzjoni ssir għal darba waħda biss jew għal diversi drabi li jidhru li jkollhom x'jaqsmu flimkien, u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi limiti differenti li ma jkunux jeċċedu dan l-ammont kif jiddependi mit-tip ta' attività finanzjarja;

(c) l-attività finanzjarja mhix l-attività prinċipali u fis-sustanza ma teċċedix ħamsa fil-mija (5%) mill-qliegħ totali tal-persuna ġuridika jew naturali involuta;

(d) l-attività finanzjarja tkun anċillari u ma jkollhiex x'taqsam direttament ma' l-attività prinipali;

(e) bl-eċċezzjoni ta' paragrafu (i) tat-tifsira 'attività rilevanti', l-attività prinċipali ma tkunx attività li tinkwadra fit-tifsira ta' kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti; u

(f) l-attività finanzjarja tingħata biss lill-klijenti ta' l-attività prinċipali u ma tkunx ġeneralment offruta lill-pubbliku.

(3) Sabiex jiġi evalwat ir-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu għall-finijiet tas-subregolament (1), il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jagħti attenzjoni partikolari lil, u jeżamina kull attività finanzjarja li, x'aktarx partikolarment, mix-xorta tagħha stess, tintuża jew isir abbuż minnha

għal finijiet ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja m'għandux iqis li dik l-attività finanzjarja tkun tinvolvi riskju baxx ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu jekk l-informazzjoni disponibbli tkun turi xort'oħra.

(4) Sabiex jistabbilixxi dak provdut taħt is-subregolament (1) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jiddikjara iktar minn hekk ir-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni u għandu jirrevoka dak li jkun ġie stabbilit jekk jiġri li ċ-ċirkostanzi jinbidlu.

(5) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jistabbilixxi mekkaniżmi għas-sorveljar bażati fuq ir-riskju jew miżuri adegwati oħra skond ma jkun prattiku sabiex jiġi żgurat li dak li jiġi stabbilit taħt is-subregolament (1) ma jsirx abbuż minnu għall-fini ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

Sistemi u taħriġ kontra *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

4. (1) Ebda persuna suġġetta m'għandha tifforma relazzjoni kummerċjali jew tagħmel xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien ma' applikant għall-kummerċ kemm-il darba dik il-persuna suġġetta:

(a) ma tadottax dawn il-miżuri u proċeduri stabbiliti fir-rigward ta' dak il-kummerċ skond d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(i) miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent;

(ii) proċeduri dwar kif jinżammu *records*; u

(iii) proċeduri ta' rapporti interni;

(b) ma tapplikax il-miżuri u l-proċeduri stabbiliti taħt paragrafu (a) inkluż meta tidħol għal relazzonijiet jew relazzjonijiet li ma jsirux wiċċ imb'wiċċ jew operazzjonijiet;

(ċ) ma tistabbilix *policies* u proeduri fuq il-kontroll intern, evalwazzjoni ta' riskju, maniġġar ta' riskju, maniġġar ta' konformità u komunikazzjonijiet li jkunu adegwati u adatti sabiex jipprevjenu it-twettiq ta' operazzjonijiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu mal-*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(d) ma tieħux miżuri adatti minn żmien għal żmien bil-għan li l-impjegati isiru jafu:

(i) bil-miżuri u l-proċeduri taħt id-disposizzjonijiet ta' paragrafu (a) u paragrafu (ċ), u ta' kull *policy* rilevanti oħra adottata minnha; u

(ii) bid-disposizzjonijiet ta' l-Att kontra *Money Laundering*; tas-Sub-Titolu, Fuq Atti ta' Terroriżmu, Finanzjar ta' Terroriżmu u Atti Anċillari tat-Titolu IVA tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; u ta' dawn ir-regolamenti; u

(e) ma tipprovdix lill-impjegati minn żmien għal żmien b'taħriġ fl-għarfien u l-immaniġġar ta' operazzjonijiet li jsiru minn, jew f'isem xi, persuna li setgħet kienet, tkun, jew tidher li jkollha x'taqsam fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(2) Il-persuni suġġetti għandhom jiżguraw li jkollhom jiffunzjonaw proċeduri adatti għar-rigward ta' diliġenza dovuta meta dawn ikunu qegħdin jingaġġaw l-impjegati.

(3) F'dan ir-regolament, il-frażi "impjegati" tfisser dawk l-impjegati li dmirijiethom jinkludu ħidma li tkun konnessa jew mal-kummerċ finanzjarju rilevanti jew ma' xi attività rilevanti.

(4) Meta persuna naturali tinvolvi ruħha f'xi waħda mill-attivitajiet professjonali mfissra taħt 'attività rilevanti' fir-regolament 2 bħala impjegat ta' persuna ġuridika, l-obligazzjonijiet taħt dan ir-regolament għandhom ikunu japplikaw għal dik il-persuna ġuridika.

(5) Persuna suġġetta li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Sabiex jiġi stabbilit jekk persuna suġġetta tkunx ħarset xi ħtieġa imposta mis-subregolament (1), il-qorti għandha tqis:

(a) kull gwida rilevanti jew proċeduri maħruġin, approvati jew adottati mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja bi ftehim ma' l-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, u li tkun tapplika għal dik il-persuna suġġetta; u

(b) fil-każ meta ma tkun tapplika ebda gwida jew proċedura li tinkwadra fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a), kull gwida rilevanti oħra maħruġa mill-korp li jirregola, jew li jirrappreżenta xi sengħa, professjoni, kummerċ jew impjieg li jkun ġestit minn dik il-persuna suġġetta.

(7) Fi proċedimenti kontra persuna suġġetta għal reat kontra dan ir-regolament, dik il-persuna tista' ġġib prova li tkun ħadet il-miżuri kollha raġonevoli u eżerċitat kull diliġenza dovuta biex thares milli jsir dak ir-reat.

Reat minn korpi magħquda u assoċjazzjonijiet mhux magħquda.

5. (1) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet tar-regolament 4 minn korp jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk dawn ikunu magħqudin jew mhux magħduqin, kull persuna li meta jsir ir-reat kienet direttur, *manager*, segretarju jew xi uffiċjal simili ta' dak il-korp jew assoċjazzjoni, jew kienet qegħda tidher li qegħda taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma ġġibx prova li r-reat ikun sar mingħajr l-għarfien tagħha u li hija tkun eżerċitat kull diliġenza dovuta biex ma tħallix ir-reat isir.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), meta r-reat isir minn korp jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk magħqud jew mhux magħqud, jew minn persuna involuta f'dak il-korp jew assoċjazzjoni ta' persuni oħra u għall-benefiċċju tagħhom, minħabba f'nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll li kien imisshom ġew eżerċitati dwarhom minn persuna msemmija fis-subregolament (1), dak il-korp jew dik l-assoċjazzjoni jistgħu jeħlu piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

(3) Il-pieni amministrattivi taħt is-subregolament (2) għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti u jistgħu jiġu imposti jew bħala piena ta' darba biss jew fuq bażi kumulattiva ta' kuljum sakemm tintlaħaq konformità iżda f'dak il-każ il-piena akkumulata m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' ħamsin elf euro (€50,000).

Fergħat u sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza.

6. (1) Il-persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti m'għandhomx jistabbilixxu jew jakkwistaw fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza f'xi ġurisdizzjoni li ma tkunx konformi mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir-regolament 2.

(2) Għar-rigward tal-fergħat u sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza li jkollhom u li jkunu jinsabu f'ġurisdizzjoni ta' fama, il-persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti għandhom:

(a) jikkomunikaw lil dawk il-fergħat u sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza il-*policies* u proċeduri rilevanti stabbiliti skond ir-regolament 4;

(b) japplikaw f'dawk il-fergħat u sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza, meta dan ikun jgħodd, miżuri li, mill-inqas, ikunu ekwivalenti għal dawk li jinkwadraw taħt dawn ir-regolamenti dwar diliġenza dovuta li jirrigwardaw lill-klijent u ż-żamma ta' *records*,

u meta l-legislazjoni ta' dik il-ġurisdizzjoni ta' fama ma tkunx tippermetti l-applikazzjoni ta' dawk il- miżuri ekwivalenti, il-persuni suġġetti taħt dan ir-regolament għandhom minnufih javżaw lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u għandhom iktar minn hekk jieħdu miżuri addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jimmaniġġaw ir-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(3) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja ikollu f'idejh informazzjoni skond is-subregolament (2)(b) dan għandu minnufih jgħarraf lill-awtorità ta' sorveljanza domestika rilevanti, lill-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħra tal-Komunità, u lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea skond hekk.

(4) Meta persuna suġġetta taħt dan ir-regolament ma tkunx tista' tapplika miżuri addizzjonali kif meħtieġa taħt is-subregolament (2) biex tkun tista' effettivament timmaniġġa r-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dik il-persuna suġġetta għandha minnufih tgħarraf lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li, f'kollaborazzjoni ma' l-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, jista' jitlob l-għeluq tal-fergħa jew sussidjarja li tkun tappartjeni b'maġġoranza skond il-liġi li tkun tapplika.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent.

7. (1) Il-miżuri dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent skond il-paragrafu (a) tar-regolament 4(1) għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni ta' l-applikant għall-kummerċ u il-verifika ta' l-identità ta' l-applikant għall-kummerċ abbażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni miksuba minn sors ta' min joqgħod fuqu u indipendenti;

(b) l-identifikazzjoni, meta dan ikun japplika u skond is-subregolament (3), tas-sid benefijarju u t-teħid ta' miżuri raġonevoli sabiex tiġi verifikata l-identità hekk li l-persuna suġġetta tkun sodisfatta li tkun taf min hu s-sid benefiċjarju, inklużi, fil-każ ta' korp magħqud, *trusts* u arranġamenti ġuridiċi simili, miżuri raġonevoli sabiex jidher min ikun is-sid u xi struttura ta' kontroll ikollha;

(c) il-kisba ta' informazzjoni dwar l-għan u x-xorta intiża tar-relazzjoni kummerċjali, hekk li persuna suġġetta tkun tista' tistabbilixxi l-profil kummerċjali u ta' riskju tal-klijent;

(d) li jmexxu sorveljanza kontinwa tar-relazzjoni kummerċjali, u meta jiġri li l-applikant għall-kummerċ jew is-sid benefiċjarju wara jirriżulta li jkun jew isir persuna politikament esposta kif imfissra fir-regolament 2, id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għandha sseħħ skond ir-regolament 11(6) u (7).

(2) Is-sorveljanza kontinwa ta' relazzjoni kummerċjali għall-finijiet tas-subregolament (1) għandha tinkludi:

(a) l-iskrutinju ta' operazzjonijiet li jsiru matul ir-relazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet li jkunu qegħdin isiru jkunu konsistenti ma' kemm il-persuna suġġetta tkun taf lill-klijent u l-profil kummerċjali u ta' riskju li jkollu, inklużi, meta jkun hekk meħtieġ, is-sors tal-fondi tiegħu; u

(b) li jiġi żgurat li jinżammu aġġornati d-dokumenti, *data* jew informazzjoni li l-persuna suġġetta jkollha.

(3) Meta applikant għall-kummerċ ikun qiegħed jaġixxi jew jidher li jkun qiegħed jaġixxi xort'oħra milli bħala prinċipal, b'żjieda ma' l-identifikazzjoni u l-verifika ta' l-identità ta' l-applikant għall-kummerċ:

(a) il-persuni suġġetti għandhom jiżguraw li l-applikant għall-kummerċ ikun awtorizzat kif imiss bil-miktub mill-prinċipal;

(b) il-persuni suġġetti għandhom jistabbilixxu u jivverifikaw l-identità tal-persuna li l-applikant għall-kummerċ ikun qiegħed jaġixxi għan-nom tagħha;

(ċ) meta l-prinċipal ikun korp magħqud, korp ta' persuni, jew ikollu xi forma oħra ta' entità ġuridika jew arranġament, il-persuni suġġetti għandhom, iktar milli jivverifikaw l-istat ġuridiku tal-prinċipal, jidentifikaw lid-diretturi kollha u, meta dak il-prinċipal ma jkollux diretturi, dawk il-persuni l-oħra kollha li fihom tkun vestita l-amministrazzjoni u r-rappreżentanza, u jistabbilixxu min ikun is-sid u xi tkun l-istruttura tal-kontroll;

(d) b'żjieda mal-ħtiġiet taħt il-paragrafu (ċ), meta l-prinċipal ikun korp magħqud, korp ta' persuni, *trust* jew xi forma oħra ta' entità ġuridika jew arranġament li jkun hemm parteċipazzjoni azzjonarja fih, jew xi forma oħra ta' interess bħala sid jew xi attiv li jkun miżmum taħt *trustee* jew xi arranġament fiduċjarju ieħor, persuna suġġetta m'għandha tagħmel ebda kummerċ ma', jew tipprovdi ebda servizz lill-applikant għall-kummerċ kemm-il darba dak l-applikant għall-kummerċ ma jiżvelax l-identità tas-sidien benefiċjarji, tal-prinċipal tiegħu, u tat-*trust settlor*, skond il-każ, u jġib id-dokumenti ta' identifikazzjoni awtentikati rilevanti, u dawk il-proċeduri ta' żvelar għandhom ikunu japplikaw ukoll meta jsir xi tibdil fil-persuna li tkun is-sid benefiċjarju, jew prinċipal;

(e) meta l-applikant għall-kummerċ ikun qiegħed jaġixxi bħala *trustee* jew taħt xi arranġament fiduċjarju ieħor, persuna suġġetta m'għandha tagħmel ebda kummerċ ma', jew tipprovdi ebda servizz lill-applikant għall-kummerċ kemm-il darba dak l-applikant għall-kummerċ ma jiżvelax l-identità tas-sidien benefiċjarji, tal-prinċipal tiegħu, u tat-*trust settlor*, skond il-każ, u jġib id-dokumenti ta' identifikazzjoni awtentikati rilevanti, u dawk il-proċeduri ta' żvelar għandhom ikunu japplikaw ukoll meta jsir xi tibdil fil-persuna li tkun is-sid benċefijarju, jew prinċipal.

(4) Il-persuni suġġetti m'għandhomx iżommu kontijiet anonimi jew kontijiet li jkollhom ismijiet fittizji.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 8, il-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent li persuna suġġetta jkollha għandhom jitqiesu li jkunu skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk, fil-Każijiet 1 sa 4, dik il-persuna suġġetta tkun teħtieġ l-applikazzjoni tagħhom għall-applikanti għall-kummerċ ġodda kollha meta jsir kuntatt għall-ewwel darba bejn dik il-persuna suġġetta u l-applikant għall-kummerċ dwar xi relazzjoni kummerċjali partikolari jew operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien.

(6) Miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt dan ir-regolament għandhom japplikaw għall-klijenti ġodda kollha u, meta jkun adatt, għall-klijenti eżistenti abbażi ta' kemm dawn ikunu sensittivi għal riskju.

(7) Meta, wara l-applikazzjoni tal-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt dawn ir-regolamenti f'relazzjoni kummerċjali stabbilita, ikun hemm dubji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza ta' l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' klijent li tkun ġiet miksuba minn qabel, jew ikun sar xi tibdil fiċ-ċirkostanzi ta' dik ir-relazzjoni kummerċjali stabbilita, allura l-miżuri ta' diliġenza

dovuta li tirrigwarda l-klijent għandhom jiġu mtennija skond dawn ir-regolamenti.

(8) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), persuni suġġetti jistgħu jistabbilixxu kemm ikunu l-ħtiġiet ta' l-applikazzjoni ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent abbażi ta' sensittività għar-riskju skond ma jkun jiddependi fuq it-tip ta' klijent, relazzjoni kummerċjali, prodott jew operazzjoni:

Iżda l-persuni suġġetti għandhom ikunu jistgħu juru lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, jew lil xi awtorità ta' sorveljanza oħra li tkun qegħda taġixxi għan-nom tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti, li l-firxa ta' l-applikazzjoni abbażi ta' sensittività għar-riskju tkun waħda adatta meta jitqiesu r-riskji ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(9) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, persuni suġġetti għandhom jiżviluppaw u jistabbilixxu *policies* ta' aċċettazzjoni ta' klijent effettivi u proċeduri li m'humiex restrittivi f'illi jippermettu l-provvediment ta' servizzi finanzjarji u servizzi oħrajn lill-pubbliku in ġenerali iżda li jwasslu biex jiġi stabbilit, b'approċċ abbażi ta' riskju, jekk l-applikant għall-kummerċ ikunx persuna politikament esposta u li, mill-inqas ikunu jinkludu:

(a) deskrizzjoni tat-tip ta' klijent li x'aktarx jippreżenta riskju ogħla minn dak medju;

(b) l-identifikazzjoni ta' indikaturi ta' riskju bħalma huma il-passat li minnu jkun ġej il-klijent, il-pajjiż ta' l-oriġni, attivitajiet kummerċjali, prodotti, kontijiet jew attivitajiet konnessi u posizzjonijiet pubbliċi jew dawk oħrajn ta' ċertu importanza; u

(ċ) il-ħtieġa għal diliġenza dovuta iktar wiesgħa li tirrigwarda l-klijent, għal klijenti ta' riskju ogħla skond ir-regolament 11.

(10) Applikant għall-kummerċ li jagħmel dikjarazzjoni falza jew ilment falz jew li jġib dokumenti foloz għall-finijiet ta' dan ir-regolament, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(11) Persuni suġġetti li jiġġestixxu xi attività finanzjarja taħt 'kummerċ finanzjarju rilevanti' li jkun jinvolvi t-trasferiment ta' fondi

kemm domestiċi kemm transkonfini għandhom jikkonformaw ruħhom mad-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-informazzjoni fuq min iħallas li tingħata flimkien mat-trasferiment ta' fondi, skond ma jista' jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Verifika ta' identifikazzjoni.

8. (1) Persuni suġġetti għandhom jivverifikaw l-identità ta' l-applikant għall-kummerċ u, meta dan ikun japplika, l-identità tas-sid benefiċjarju, qabel ma titwaqqaf relazzjoni kummerċjali jew il-ġestjoni ta' xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien.

(2) Minkejja s-subregolament (1), persuni suġġetti jistgħu jitterminaw il-verifika matul it-twaqqif ta' relazzjoni kummerċjali meta dan ikun meħtieġ sabiex titkompla l-ġestjoni normali tal-kummerċ sakemm ir-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu jkun baxx u, sakemm aktar, il-proċeduri ta' verifika jiġu terminati malli jkun raġonevolment prattikabbli wara l-kuntatt inizjali.

(3) Minkejja s-subregolamenti (1) u (2), dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, persuni suġġetti jistgħu jitterminaw il-verifika ta' l-identità tal-benefiċjarju taħt il-polza wara li tkun ġiet stabbilita r-relazzjoni kummerċjali imma qabel jew fil-waqt li jsir il-ħlas jew meta jew qabel ma l-benefiċjarju jkun bi ħsiebu jeżerċita xi wieħed mid-drittijiet li jkollu u li jkunu vestiti taħt il-polza.

(4) Minkejja s-subregolamenti (1) u (2), persuni suġġetti jistgħu jiftħu kont bankarju skond ma jista' jkun meħtieġ mill-applikant għall-kummerċ iżda għandhom jitħaddmu miżuri adegwati hekk li ma ssir ebda operazzjoni li tinvolvi dak il-kont sa meta jkunu ġew sodisfaċentement itterminati l-proeduri ta' verifika skond is-subregolament (1).

(5) Meta persuna suġġetta ma tkunx tista' tikkonforma ruħha mal-paragrafi (a), (b) u (ċ) tar-regolament 7(1), il-proċeduri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għandhom jeħtieġu li persuna suġġetta ma tiġġestixxi ebda operazzjoni f'dak il-kont, li ma twaqqafx ir-relazzjoni kummerċjali jew tiġġestixxi xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, jew li tittermina r-relazzjoni kummerċjali u tqis li tagħmel xi rapport suspettuż dwar xi operazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skond dawn ir-regolamenti:

Iżda meta ma jkunx possibbli li persuna tieqaf minn dak li tkun qegħda tagħmel jew x'aktarx li dan itellef mill-isforzi ta' investigazzjoni ta' *money laundering* suspettat jew l-iffinanzjar ta' xi operazzjoni ta' terroriżmu, dak il-kummerċ għandu jitkompla bil-kundizzjoni li dan jiġi minnufih żvelat lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skond ir-regolament 15(6):

Iżda wkoll persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu attività rilevanti taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" ma jkunux marbutin bid-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament jekk dawk il-persuni suġġetti jkunu qegħdin jaġixxu filwaqt li jkunu qegħdin jaċċertaw xi tkun il-posizzjoni legali għall-klijent tagħhom jew ikunu qegħdin iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom li jiddefendu jew jidhru għal dak il-klijent fi, jew dwar, proċeduri ġudizzjarji, inkluż parir li jingħata dwar it-teħid jew l-evitar ta' proċeduri.

Diliġenza dovuta addizzjonali li tirrigwarda l-htiġiet ta' klijent għal detenturi ta' lienza ta' każinò.

9. (1) B'żjieda mal-konformità mad-disposizzjonijiet tar-regolament 7 u r-regolament 8, detentur ta' liċenza ta' każinò għandu:

(a) ma jippermettix lil xi persuna tidħol fil-każinò kemm-il darba dik il-persuna tkun ġiet sodisfaċentement identifikata konformement mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Logħob;

(b) jidentifika, u jivverifika billi jinġieb dokument ta' identifikazzjoni, lil xi persuna li, waqt li tkun qegħda fil-każinò issarraf xi flus kontanti, ċekk jew trasferiment bankarju, kemm jekk dan ikun maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu lokali jew barranija, jew li xort'oħra tħallas permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu b'tisrif għal *chips* jew *tokens* f'ammont ta' elfejn euro (Ä2,000) jew iżjed biex jużahom fil-każinò;

(ċ) jidentifika, u jivverifika billi jinġieb dokument ta' identifikazzjoni, lil xi persuna li, waqt li tkun qegħda fil-każinò issarraf xi flus kontanti, issarraf *chips* jew *tokens* wara li tilgħab xi logħba jew logħbiet, f'ammont ta' elfejn euro (Ä2,000) jew iżjed;

(d) jiżgura li d-dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' l-identità ta' persuna li tkun qegħda ssarraf *chips* jew *tokens* b'valur ta' elfejn euro (€2,000) jew iżjed ikun megħmuż u kontrosenjat mad-dettalji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-identità tal-persuna li tkun qegħda ssarraf il-flus kontanti, ċekkijiet jew trasferimenti bankarji, jew li jkunu qegħdin iħallsu permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu b'tisrif għal dawk iċ-*chips* jew *tokens*, u għandu iżjed minn hekk jiżgura li ċ-*chips* jew it-*tokens* jinkisbu minn rebħiet li jsiru waqt li tkun qegħda tintlagħab xi logħba jew logħbiet fil-każinò; u

(e) jiżgura li d-disposizzjonijiet tal-paragrafi (b) sa (d) jiġu applikati wkoll f'każijiet meta f'xi sessjoni waħda ta' loghob persuna tiġġestixxi operazzjonijiet li jkunu individwalment għal ammont ta' inqas minn elfejn euro (€2,000) iżda li b'kollox ikunu ugwali għal jew jeċċedu dak l-ammont.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 15(6) u (7), id-detentur ta' liċenza ta' każinò għandu jirreġistra aktar minn hekk id-dettalji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-identità ta' persuna li tkun qegħda tilgħab xi logħba jew logħbiet fil-każinò meta d-detentur ta' liċenza ta' każinò jew xi impjegat tal-każinò ikun jaf jew ikollu xi suspetti li dik il-persuna setgħet kienet, tkun, jew tista' tkun, involuta fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent iktar simplifikata.

10. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (5) u s-subregolament (6), persuni suġġetti m'għandhomx japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent skond ir-regolament 7 u r-regolament 8(1), imma għandhom jiġbru informazzjoni biżżejjed li biha jistabbilixxu li l-applikant għall-kummerċ ikun jikkwalifika skond hekk –

(a) meta l-applikant għall-kummerċ ikun persuna awtorizzata li tmexxi il-kummerċ finanzjarju rilevanti jew tkun persuna li jkollha liċenza jew tkun xort'oħra awtorizzata fi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew taħt il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni ta' fama, li tmexxi attività li tkun ekwivalenti għal kummerċ finanzjarju rilevanti;

(b) fil-każ ta' persuni ġuridiċi elenkati f'suq regolat awtorizzat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, jew f'suq regolat ekwivalenti fil-Komunità, u persuni ġuridiċi li jkunu xort'oħra elenkati f'suq regolat ekwivalenti f'ġurisdizzjoni ta' fama u li jkunu soġġetti għal ħtiġiet ta' żvelar pubbliku ekwivalenti;

(ċ) dwar sidien benefiċjarji ta' kontijiet aggregati miżmuma minn persuni li jkunu qegħdin jiġġestixxu attività rilevanti taħt il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" domestikament, minn ġewwa l-Komunità jew minn ġurisdizzjoni ta' fama, iżda l-persuna suġġetta għandha tiżgura li jkunu disponibbli dokumenti ta' identifikazzjoni, jew li dawn jistgħu jintgħamlu disponibbli, wara talba, lill-istituzzjoni li tkun qegħda taġixxi bħala d-depositarju tal-kontijiet aggregati;

(d) fil-każ ta' awtoritajiet pubbliċi domestiċi jew ta' korpi pubbliċi li jissodisfaw dawn il-kriterji kollha li ġejjin:

(i) tkun ġiet fdata lill-applikant għall-kummerċ funzjoni pubblika konformement mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati dwar il-Komunitajiet jew legislazzjoni Komunitarja oħra;

(ii) l-identifikazzjoni ta' l-applikant għall-kummerċ tkun pubblikament disponibbli, trasparenti u verifikata;

(iii) l-applikant għall-kummerċ imexxi attivitajiet li jkunu trasparenti, inkluża kull prattika dwar kontijiet; u

(iv) l-applikant għall-kummerċ jew ikun responsabbli lejn istituzzjoni tal-Komunità jew lejn awtorità rilevanti domestika jew lejn awtorità ta' xi membru ieħor tal-Komunità jew, meta jkun adatt u effettiv ikunu jeżistu proċeduri sabiex tiġi kontrollata l-attività ta' l-applikant;

(e) lil kull applikant ieħor għall-kummerċ li jkun persuna ġuridika u li jkollu riskju baxx ta' involviment fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar tat-terroriżmu skond is-subregolament (2).

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subregolament (1), applikant għall-kummerċ li jkun persuna ġuridika u li ma jkollux l-istatus skond m'hemm provdut taħt il-paragrafu (d) tas-subregolament (1) għandu jitqies li jkun jirrappreżenta riskju baxx ta' involviment fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu meta:-

(a) l-applikant għall-kummerċ imexxi attività finanzjarja li tkun 'il barra mill-iskop ta' kummerċ finanzjarju rilevanti kif imfisser f'dawn ir-regolamenti, iżda l-applikant għall-kummerċ ikun ukoll soġġett għal dawn ir-regolamenti indipendentement, ukoll jekk l-applikant għall-kummerċ ikun jifforma parti minn grupp ta' kumpanniji;

(b) l-identità ta' l-applikant għall-kummerċ tkun pubblikament disponibbli, trasparenti u verifikata;

(ċ) l-applikant għall-kummerċ ikun soġġett għall-ħtiġiet kollha ta' għoti ta' liċenzi taħt il-liġi domestika sabiex

ikunu jistgħu jitmexxew dawk l-attivitajiet finanzjarji, ikun sorveljat għal dawk l-attivitajiet minn awtorità kompetenti rilevanti, u jkun aktar minn hekk soġġett għal superviżjoni dwar konformità ma' dawn ir-regolamenti skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att; u

(d) l-applikant għall-kummerċ ikun soġġett għal kull sanzjoni u miżura amministrattiva li hemm provdut dwarha taħt dawn ir-regolamenti għal nuqqas ta' konformità.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (5) u s-subregolament (6), persuni suġġetti m'għandhomx japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent skond ir-regolament 7 u r-regolament 8(1) dwar:-

(a) poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja li dwarhom ikollu jitħallas premju f'darba waħda ta' ammont li ma jkunx jeċċedi elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

(b) poloz ta' l-assigurazzjoni li dwarhom għandu jitħallas premju perjodiku u meta l-ammont totali li jit'allas dwar xi sena kalendarja ma jkunx jeċċedi elf euro (€1,000);

(ċ) poloz ta' l-assigurazzjoni dwar skemi ta' pensjoni iżda dawk il-poloz m'għandu jkun fihom ebda klawżola dwar it-trasferiment tagħhom u ma jistgħux jintużaw bħala kollaterali għal xi dejn;

(d) pensjoni, skema ta' superannwazzjoni jew simili li tkun tipprovdi benefiċċji ta' min jirtira lill-impjegati, meta jsiru kontribuzzjonijiet permezz ta' tnaqqis mill-pagi u meta r-regolamenti ta' l-iskema jkunu jipprojbixxu lill-membri milli jassenjaw l-interessi li jkollhom taħt l-iskema;

(e) flus elettroniċi kif imfissra taħt il-Att dwar il-Kummerċ Bankarju meta, jekk l-apparat elettroniku ma jkunx jista' jerġa' jiġi rikargat l-ogħla ammont maħżun ikun ta' mija u ħamsin euro (€150) jew inqas, jew meta, jekk l-apparat elettroniku ikun jista' jerġa' jiġi rikargat, jiġi impost limitu ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) fuq l-ammont totali li jkun jista' jiġi transatt f'sena kalendarja, ħlief meta jiġi mifdi ammont ta' elf euro (€1,000) jew iżjed f'dik is-sena kalendarja; u

(f) kull prodott ieħor jew operazzjoni oħra li tirrappreżenta riskju baxx ta' *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu skond is-subregolament (4).

(4) Persuni suġġetti għandhom jikkunsidraw prodotti li jkunu jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin, jew operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu magħhom, bħala li jirrappreżentaw riskju baxx ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu għall-finijiet tal-paragrafu (f) tas-subregolament (3) meta:

(a) il-prodott ikun soġġett għal ftehim kuntrattwali li jsir bil-miktub;

(b) l-operazzjonijiet ikunu saru permezz ta' kont f'isem l-applikant għall-kummerċ li jkun jinsab f'istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata taħt il-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew li jkun hekk awtorizzat fi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew xort'oħra hekk awtorizzat taħt il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni ta' fama;

(ċ) il-prodott jew l-operazzjonijiet relatati ma jkunux anonimi u jkunu jippermettu li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda lill-klijent skond dawn ir-regolamenti taħt Każ 2 (suspetti) jew regolamenti simili fi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew f'ġurisdizzjoni ta' fama;

(d) il-prodott ikun soġġett għall-ogħla limitu stabbilit bil-quddiem u:

(i) meta l-prodott ikun jikkostitwixxi polza ta' l-assigurazzjoni jew prodott ta' tifdil ta' xorta simili, l-ogħla limitu ma jeċċedix dak stabbilit fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (3);

(ii) fil-każijiet l-oħra kollha, l- ogħla limitu ma jkunx jeċċedi l-ħmistax-il elf euro (€15,000), sew jekk l-operazzjoni issir taħt Każ 3 (operazzjoni singola) jew Każ 4 (serje ta' operazzjonijiet);

(e) terzi ma jkunux jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-prodott jew ta' operazzjonijiet relatati, ħlief fil-każ ta' mewt, inkapaċità, sopravvivenza sa età li tiġi stabbilita bil-quddiem, jew ġrajjiet oħra bħal dawk;

(f) meta l-prodotti jew operazzjonijiet relatati jkunu jippermettu li jsir l-investiment ta' fondi f'xi attiv finanzjarju

jew talbiet, inkluża l-assigurazzjoni jew xi xort'oħra ta' talbiet kontinġenti, iżda:

(i) il-benefiċċji tal-prodott jew operazzjonijiet relatati jkunu jistgħu jiġu biss realizzati matul żmien twil;

(ii) il-prodott jew operazzjonijiet relatati ma jkunux jistgħu jintużaw bħala kollaterali;

(iii) ma jkun hemm ebda ħlas aċċellerat, ma tintuża ebda klawżola ta' trasferiment u ma sseħħ ebda terminazzjoni bikrija matul ir-relazzjoni kuntrattwali.

(5) Ebda ħaġa li tinsab f'dan ir-regolament m'għandha tkun tapplika f'irkostanzi li jaqgħu taħt Każ 2 (suspetti).

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, sabiex jiġi stabbilit jekk applikant għall-kummerċ jew għal prodott jew għal operazzjonijiet relatati jirrappreżentax riskju baxx ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, il-persuni suġġetti għandhom jagħtu każ speċjali ta' l-attivitajiet ta' dak l-applikant għall-kummerċ jew ta' kull xorta ta' prodott jew operazzjoni li, mix-xorta tagħha, tista' tintuża jew tiġi abbużata għal skopijiet ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, u, meta jkun hemm informazzjoni disponibbli li tkun tissuġġerixxi li dan ir-riskju jista' ma jkunx wieħed baxx, dak l-applikant għall-kummerċ jew dak il-prodott u operazzjonijiet relatati m'għandhomx jitqiesu li jirrappreżentaw riskju baxx ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(7) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jistabbilixxi li xi ġurisdizzjoni partikolari ma tkunx konformi mal-kriterji ta'ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir-regolament 2, jew meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jiġi xort'oħra mgħarraf li ġurisdizzjoni ma titqiesx bħala li tkun konformi mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama, dan għandu, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet rilevanti superviżorji, jipprojbixxi lil persuni suġġetti milli japplikaw disposizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda lill-klijent aktar simplifikati taħt dan ir-regolament għal kull relazzjoni kummerċjali u operazzjoni minn dik il-ġurisdizzjoni partikolari.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent estiża.

11. (1) Fil-Każijiet 1 sa 4, b'żjieda mal-ħtiġiet taħt ir-regolament 7, persuni suġġetti għandhom japplikaw, abbażi tar-riskju involut, miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent estiżi skond dan ir-regolament u f'sitwazzjonijiet li, mix-xorta tagħhom, jistgħu jippreżentaw riskju ogħla ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(2) Persuni suġġetti għandhom japplikaw xi miżura waħda jew aktar minn dawn il-miżuri addizzjonali li ġejjin biex jikkumpensaw għar-riskju ogħla fejn l-applikant għall-kummerċ ma kienx fiżikament preżenti għal finijiet ta' identifikazzjoni:

(a) jistabbilixxu l-identità ta' l-applikant għall-kummerċ billi jużaw dokumenti u informazzjoni addizzjonali;

(b) jivverifikaw jew jiċċertifikaw id-dokumenti forniti billi jintużaw miżuri supplementari;

(ċ) jeħtieġu konferma ċertifikata tad-dokumenti forniti minn persuna li tkun qegħda tiġġestixxi xi attività finanzjarja rilevanti;

(d) jiżguraw li l-ewwel ħlas jew operazzjoni fil-kont issir permezz ta' kont miżmum mill-applikant għall-kummerċ f'ismu ma' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew xort'ohra kif hekk awtorizzat fi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew f'ġurisdizzjoni ta' fama.

(3) Meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti operazzjonijiet bankarji transkonfini korrispondenti u relazzjonijiet simili oħra ma' istituzzjonijiet rispondenti minn pajjiż li ma jkunx Stat Membru tal-Komunità, il-persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti taħt il-paragrafu (a) tat-tifsira fir-regolament 2 għandhom jiżguraw li:-

(a) jkunu jifhmu sew u jirreġistraw fuq dokument ix-xorta ta' l-attivitajiet tal-kummerċ ta' l-istituzzjoni rispondenti tagħhom, inklużi, minn informazzjoni pubblikament disponibbli, il-fama ta' u l-kwalità ta' superviżjoni fuq dik l-istituzzjoni u jekk dik l-istituzzjoni kinetx soġġetta għal investigazzjoni jew miżuri regolatorji dwar *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(b) jevalwaw l-adegwatezza u l-effettività tal-kontrolli interni tagħhom għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(ċ) li tinkiseb l-approvazzjoni li tingħata minn qabel mill-amministrazzjoni maġġuri għat-twaqqif ta' relazzjonijiet bankarji ġodda korrispondenti;

(d) li jirreġistraw fuq dokument ir-responsabbiltajiet tagħhom rispettivi dwar il-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(e) dwar kontijiet li jitħallsu xort'oħra, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu rispondenti tkun ivverifikat l-identità ta' diliġenza dovuta kontinwa mwettqa fuq il-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet ta' l-istituzzjoni rispondenti u li din tkun tista' tipprovdi diliġenza dovuta rilevanti li tirrigwarda lid-*data* tal-klijent lil dik il-persuna suġġetta meta din titolbu.

(4) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti taħt il-paragrafu (a) tat-tifsira fir-regolament 2:-

(a) m'għandhomx jidħlu fi, jew ikomplu għaddejin, b'relazzjoni bankarja korrispondenti ma' *shell bank*;

(b) għandhom jieħdu miżuri adatti biex jiżguraw li huma ma jidħlux, jew ma jkomplux, relazzjoni bankarja korrispondenti ma' bank li jkun magħruf li jippermetti li l-kontijiet tiegħu jintużaw minn *shell bank*.

(5) Persuni suġġetti għandu jkollhom attenzjoni speċjali dwar kull theddida ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu li tista' toriġina minn teknoloġiji ġodda jew li jkunu qegħdin jiżviluppaw, jew minn prodotti jew operazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità, u jieħdu tali miżuri, jekk dawn ikunu meħtieġa, biex jipprevjenu l-użu tagħhom fil-*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(6) Skond is-subregolament (7) u bla ħsara għas-subregolament (8), persuni suġġetti li jkunu qegħdin jagħmlu operazzjonijiet jew jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali ma' persuni politikament esposti li jkunu residenti fi Stat Membru tal-Komunità ieħor jew f'xi ġurisdizzjoni oħra għandhom:

(a) jeħtieġu l-approvazzjoni ta' amministrazzjoni ogħla sabiex jistabbilixxu dawk ir-relazzjonijiet kummerċjali;

(b) jiżguraw li l-proċeduri interni jinkludu miżuri adegwati biex jistabbilixxu s-sors ta' għana u l-flejjes involuti f'dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali jew operazzjonijiet;

(ċ) imexxu sorveljanza kontinwa estiża tar-relazzjonijiet kummerċjali.

.

(7) Għall-finijiet tat-tifsira 'persuni politikament esposti' fir-regolament 2:

(a) il-frażi 'persuni naturali li jkunu fdati jew ikunu ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti' għandha tinkludi lil dawn li ġejjin:

(i) Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern, Ministri u Viċi Ministri u Ministri Assistenti u Segretarji Parlamentari;

(ii) Membri tal-Parlament;

(iii) membri tal-Qrati jew ta' korpi ġudizzjarji oħra f'livell għoli li d-deċiżjonijiet tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu appellati aktar 'il fuq, ħlief f'xi ċirkostanza eċċezzjonali;

(iv) membri tal-qrati ta' l-awdituri, Kumitati ta' l-Awditjar jew tal-bordijiet tal-banek ċentrali;

(v) ambaxxaturi, *charges d'affaires* kif ukoll uffiċċjali oħra ta' grad għoli fil-forzi armati;

(vi) membri fl-amministrazzjoni, *management* jew bordijiet ta' korporazzjonijiet li jappartjenu lill-Istat.

u meta dan ikun japplika, għall-finijiet tal-paragrafi (i) sa (v), dawn għandhom jinkludu posizzjonijiet miżmuma f'livell Komunitarju jew internazzjonali;

(b) il-frażi 'membri tal-familja tagħhom fil-qrib' għandha tinkludi lil dawn li ġejjin:

(i) il-konjuġi, jew sieħeb li jkun rikonoxxut skond xi liġi nazzjonali bħala li hu ekwivalenti għall-konjuġi;

(ii) it-tfal u l-konjuġi jew sħab tagħhom; u

(iii) il-ġenituri;

(ċ) il-frażi 'persuni li jkunu magħrufin bħala sħab fil-qrib' għandhom jinkludu lil dawn li ġejjin:

(i) persuna naturali li tkun magħrufa bħala li tkun sid benefiċjarju konġunt ta' korp magħqud jew ta' xi forma oħra ta' arranġament ġuridiku, jew ta' xi relazzjoni kummerċjali oħra mill-qrib mal-persuna li tkun politikament esposta;

(ii) persuna naturali li tkun l-uniku sid benefiċjarju ta' korp magħqud jew ta' xi forma oħra ta' arranġament ġuridiku li tkun magħrufa li ġiet stabbilita għall-benefiċċju ta' dik il-persuna politikament esposta.

(8) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' diliġenza dovuta estiżi li jirrigwardaw lill-klijent fuq bażi ta' sensittività ta' riskju, meta persuna bħalma tinsab imsemmija fis-subregolament (6) tkun temmet milli tibqa' fdata b'xi funzjoni pubblika prominenti għal perjodu ta' mill-inqas tnax-il xahar, dik il-persuna m'għandhiex tibqa' aktar tiġi ikkunsidrata bħala persuna politikament esposta.

Fiduċja fi twettiq li jsir minn terzi.

12. (1) Skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, persuni suġġetti jistgħu ikollhom fiduċja f'terzi jew f'xi persuna suġġetta oħra biex twettaq id-diliġenza dovuta li tirrigwarda il-ħtiġiet tal-klijent li hemm provdut dwarhom taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), iżda, minkejja il-fiduċja f'terzi jew f'persuna suġġetta oħra, il-persuna suġġetta rilevanti tibqa' responsabbli għall-konformità mal-ħtiġiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ).

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (11), terzi tfisser kull persuna li tkun qegħda tiġġestixxi attivitajiet ekwivalenti għal 'kummerċ finanzjarju rilevanti' jew għal 'attività rilevanti' li tkun tinsab fi Stat Membru tal-Komunità li ma jkunx Malta jew f'ġurisdizzjoni ta' fama u li tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew għal registrazzjoni professjonali mandatorja rikonoxxuta bil-liġi.

(3) Persuni suġġetti li jkollhom fiduċja f'terzi jew f'xi persuna suġġetta oħra għandhom jiżguraw li t-terzi jew il-persuna suġġetta l-oħra għandhom jaraw li l-informazzjoni meħtieġa skond d-disposizzjonijiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ) tkun minnufih disponibbli għal dawn il-persuni.

(4) Persuni suġġetti li jkollhom fiduċja f'terzi jew f'xi persuna suġġetta oħra għandhom jiżguraw aktar li, meta jintalbu hekk jagħmlu, it-terzi jew il-persuna suġġetta l-oħra għandha minnufih twasslilhom kopji rilevanti ta' *data* ta' l-identifikazzjoni u l-verifika u ta' dokumenti rilevanti oħra ta' l-applikant għall-kummerċ jew tas-sid benefiċjarju kif meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Għall-finijiet li jitwettqu l-ħtiġiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), u skond dan ir-regolament, persuni suġġetti jistgħu jkollhom fiduċja f'persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu l-kummerċ finanzjarju rilevanti kif imfisser f'dawn ir-regolamenti.

(6) Skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, persuni suġġetti jistgħu, għall-finijiet tal-ħtiġiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), jirrikonoxxu u jaċċettaw l-eżitu ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-ħtiġiet tal-klijent li jitwettqu skond disposizzjonijiet ekwivalenti għal dawn ir-regolamenti minn terzi li jiġġestixxu attivitajiet ekwivalenti għal dawk li jinkwadraw fl-iskop tat-tifsira 'kummerċ finanzjarju rilevanti' taħt ir-regolament 2(1), bl-eċċezzjoni ta' dawk il-persuni li jkollhom bħala l-kummerċ ewlieni tagħhom il-kambju tal-munita jew il-mogħdija ta' flus jew servizzi ta' pagament kif imfissra taħt il-paragrafu (b) ta' dik it-tifsira jew l-ekwivalenti tagħhom, ukoll jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom ikunu ġew ibbażati dawn il-ħtiġiet ikunu differenti minn dawk taħt il-ħtiġiet domestii.

(7) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu xi attività li tinkwadra fl-iskop tal-paragrafu (b) tat-tifsira 'kummerċ finanzjarju rilevanti' u li jkollhom bħala l-kummerċ prinipali tagħhom il-kambju tal-munita jew il-mogħdija ta' jew servizzi ta' pagament jistgħu, skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament u għall-finijiet tal-ħtiġiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), jirrikonoxxu u jaċċettaw l-eżitu tad-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-ħtiġiet tal-klijent ġestiti skond disposizzjonijiet ekwivalenti għal dawn ir-regolamenti minn terzi li jagħmlu kambju tal-munita jew mogħdija ta' flus jew servizzi ta' pagament, ukoll jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom ikunu ġew imsejsa dawn il-ħtiġiet ikunu differenti minn dawk taħt il-ħtiġiet domestiċi.

(8) Għall-finijiet tal-ħtiġiet biex jiġu sodisfatti taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), u skond dan ir-regolament, persuni suġġetti jistgħu jistrieħu fuq dawk il-persuni suġġetti li jiġġestixxu attività rilevanti taħt il-paragrafi (a), (ċ), jew (f) tat-tifsira 'attività rilevanti' taħt ir-regolament 2.

(9) Minbarra dak li hemm fis-subregolament (8) persuni suġġetti li jiġġestixxu attività rilevanti taħt il-paragrafi (a), (ċ) jew (f) tat-tifsira 'attività rilevanti' taħt ir-regolament 2 jistgħu, skond d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament u għall-finijiet tal-ħtiġiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), jagħrfu u jaċċettaw ir-riżultat tal-ħtiġiet dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent meta dik il-ġestjoni tkun saret skond id-disposizzjonijiet ekwivalenti ma' dawn ir-regolamenti minn terzi li jagħmlu attività ekwivalenti għal xi waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafi (a), (ċ) jew (f) tat-tifsira 'attività rilevanti' taħt ir-regolament, anke jekk id-dokumentazzjoni jew *data* li abbażi tagħhom dawn il-ħtiġiet kienu saru jkunu differenti għal dawk li jkunu jinsabu taħt ħtiġiet domestiċi.

(10) Dan ir-regolament m'għandux japplika:

(a) għal min jagħmel xogħol apparti dak li jingħata barra jew relazzjonijiet ta' aġenziji meta, abbażi ta' ftehim kontrattwali, il-provditur tas-servizz dwar min jagħmel xogħol barra jew l-aġent għandhom jitqiesu bħala parti mill-persuna suġġetta; u

(b) biex wieħed iserraħ fuq persuni suġġetti taħt il-paragrafu (i) fit-tifsira 'attività rilevanti' u persuni suġġetti taħt paragrafu (j) tat-tifsira 'kummerċ finanzjarju rilevanti' fir-regolament 2(1).

(11) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja tiddeċiedi li l-ġurisdizzjoni ma tikkonformax mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir- regolament 2 u mal-kriterji għal terza persuna kif stabbiliti taħt is-subregolament (2), jew meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja tkun xort'oħra ġiet infurmata li ġurisdizzjoni ma tkunx ġiet ikkunsidrata bħala waħda li jkollha l-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir-regolament 2 u li għal terzi kif stabbilita taħt is-subregolament (2), għandha, b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' superviżjoni rilevanti, tipprojbixxi persuni suġġetti milli jistrieħu fuq persuni u istituzzjonijiet minn dik il-ġurisdizzjoni partikolari dwar il-ħidma fuq il-ħtiġiet tad-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt dan ir-regolament.

Proeduri ta' żamma ta' *records*.

13. (1) Persuni suġġetti għandhom iżommu id-dokumenti u l-informazzjoni speċifikati f'dan ir-regolament sabiex jintużaw f'xi investigazzjoni, jew għal xi analiżi ta' *money laundering* possibli jew l-iffinanzjar ta' attivitajiet ta' terroriżmu, mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew minn awtoritajiet kompetenti oħra rilevanti skond d-disposizzjonijiet tal-liġi li tkun tapplika.

(2) Il-proċeduri ta' żamma ta' *records* li jinżammu minn persuna suġġetta għandhom jitqiesu li jkunu skond d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jekk ikunu jipprovdu għaż-żamma tagħhom, għall-perjodu preskritt ta' dawn ir-*records* li ġejjin:

(a) għar-rigward ta' xi relazzjoni kummerċjali li tiġi ffurmata jew ta' xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien li tiġi ġestita, *record* li jkun jindika x-xorta tal-prova tad-dokumenti meħtieġa dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent u li jiġi miksub taħt proċeduri li jsiru skond dawn ir-regolamenti, li jkun fih kopja jew riferenza tal-provi meħtieġa għall-identità u li jkun jipprovdi informazzjoni biżżejjed biex ikunu jistgħu jinkisbu mill-ġdid id-dettalji dwar l-identità ta' persuni li jkunu jinsabu fil-provi rilevanti;

(b) *record* li jkun fih dettalji dwar ir-relazzjoni kummerċjali u dwar l-operazzjonijiet kollha li jkunu ġew ġestiti minn dik il-persuna matul relazzjoni kummerċjali stabbilita jew operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien li għandha tkun tinkludi d-dokumenti oriġinali jew kopji oħra ammissibbli waqt is-smigħ fil-qorti;

(ċ) dwar ir-regolamenti 15(1) u 15(2) *record* tar-riżultanzi ta' l-eżami ta' l-isfond u l-għan ta' dawk ir-relazzjonijiet u operazzjonijiet.

(3) Għall-finijiet tas-subregolament (2), il-perjodu ordnat għandu jkun il-perjodu ta' mill-inqas ħames snin li jibdew għaddejjin -

(a) relattivament għal dawk ir-*records* li hemm deskritti fil-paragrafu (a), mid-data li fiha jkun tlesta l-kummerċ finanzjarju rilevanti jew l-attività rilevanti; u

(b) relattivament għal dawk ir-*records* li hemm deskritti fil-paragrafi (b) u (ċ), mid-data li fiha jkunu tlestew it-trattativi kollha li jkunu għaddejin filwaqt li tkun qegħda ssir l-operazzjoni in kwistjoni:

Iżda għar-rigward ta' *records* relattivi għal operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien jew serje ta' operazzjonijiet li jsiru minn żmien għal żmien, il-perjodu hawn qabel imsemmi ta' mill-inqas ħames snin għandu jibda għaddej mid-data tat-tlestija ta' l-operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien jew l-aħħar minn serje ta' operazzjonijiet li jsiru minn żmien għal żmien.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament (3)(a) id-data meta jitlesta l-kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti għandha titqies, skond il-każ, bħala d-data meta –

(a) f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt Każ 1 (negozjati), it-tlestija tar-relazzjoni kummerċjali li għar-rigward tal-formazzjoni tagħha jkun inġabar ir-*record* taħt dan ir-regolament;

(b) f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt Każ 2 (suspetti), ir-rapport ta' operazzjoni suspettuża skond ir-regolament 15, kemm-il darba il-perjodu ta' ħames snin ma jiġix estiż mill- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif meħtieġ;

(ċ) f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt Każ 3 (operazzjoni kbira singola), l-għemil ta' l-operazzjoni jew l-aħħar minn serje ta' operazzjonijiet kbar singoli li dwarhom jkun nġabar ir-*record* taħt dan ir-regolament; u

(d) f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt Każ 4 (serje ta' operazzjonijiet), l-għemil ta' l-aħħar operazzjoni f'serje ta' operazzjonijiet li dwarha jkun inġabar ir-*record* taħt dan ir-regolament,

u meta l-formalitajiet meħtieġa biex tintemm relazzjoni kummerċjali ma jkunux ġew osservati, imma jkun skada żmien ta' ħames snin mid-data meta tkun saret l-aħħar operazzjoni filwaqt ta' dik ir-relazzjoni, għaldaqstant id-data ta' dik l-operazzjoni għandha tiġi trattata bħala d-data meta jkun intemm il-kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti, iżda r-relazzjoni kummerċjali għandha tiġi minnufih formalment terminata.

(5) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (2) sa (4), detentur ta' liċenza ta' każinò għandu wkoll iżomm *records* dwar kull proċess ta' identifikazzjoni taħt ir-regolament 9 skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar il-Logħob.

(6) Persuni suġġetti għandhom jiżguraw li meta ssirilhom talba, kull identifikazzjoni ta' klijenti, *records* ta' diliġenza dovuta u *records* ta' operazzjonijiet u kull informazzjoni oħra rilevanti ikunu disponibbli minn żmien għal żmien għall-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u, skond ma jista' jiġi permess bil-liġi, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra, għall-finijiet tal-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(7) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti għandhom jistabbilixxu sistemi li jagħmluha possibbli li jirrispondu b'mod effiċċjenti għall-istħarriġ li jsir mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew mill-awtoritajiet ta' sorveljanza jew minn awtoritajiet kompetenti oħra, skond il-liġi li tkun tapplika, dwar:

(a) jekk iżommux jew jekk kienux żammew matul il-ħames snin ta' qabel relazzjoni kummerċjali ma' xi persuna naturali jew ġuridika speifika jew ma' xi persuni; u

(b) ix-xorta ta' dik ir-relazzjoni.

Data dwar l-istatistika.

14. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, persuni suġġetti u awtoritajiet ta' sorveljanza u awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għall-ġlieda kontra l-*money laundering* jew dwar l-iffinanzjar tat-terroriżmu, għandhom iżommu *data* dwar l-istatistika komprensiva, skond ma jkun japplika, skond is-subregolament (2) u, meta ssir talba, dawk il-persuni suġġetti u awtoritajiet ta' sorveljanza u awtoritajiet kompetenti oħra għandhom jagħmlu din id-*data* dwar l-istatistika disponibbli għall-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex dan ikun jista' janalizza mill-ġdid l-effett tas-sistemi nazzjonali.

(2) *Data* dwar statistika komprensiva fuq affarijiet li huma rilevanti għall-mod effettiv dwar sistema nazzjonali sabiex jiġu miġġielda l-*money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu li titħaddem taħt is-subregolament (1) għandhom, bħala minimu, jinkludu:

(a) in-numru ta' rapporti dwar operazzjonijiet suspettużi li jsiru lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja;

(b) in-numru ta' rapporti dwar operazzjonijiet suspettużi mressqa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għal aktar investigazzjoni mill-aġenziji dwar l-infurzar tal-liġi;

(ċ) it-tkomplija li tingħata lil dawn ir-rapporti;

(d) in-numru tal-każijiet investigati;

(e) in-numru ta' persuni akkużati;

(f) in-numru ta' persuni ikkundannati għal reat ta' *money laundering* jew ta' l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(g) id-dettalji u l-valur tal-proprjetà li tkun ġiet iffriżata, elevata jew ikkonfiskata;

(h) xi *data* dwar statistika rilevanti oħra kif tista' tkun ġustifikabbilment meħtieġa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex din tkun tista' teżawrixxi l-obbligazzjonijiet tagħha taħt dan ir-regolament u taħt l-Att kontra *Money Laundering*.

(3) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandha tippubblika rivisti konsolidati tad-*data* dwar l-istatistika kif miġbura skond dan ir-regolament.

(4) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu, meta prattikabbli u kif jista' jitħalla jagħmel skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att fil-kuntest tad-disposizzjonijiet tal-liġi, jipprovdi persuni suġġetti u, fejn ikun japplika, awtoritajiet ta' sorveljanza b'rispons fil-ħin fuq l-effettività ta' rapporti dwar operazzjonijiet suspettużi, informazzjoni oħra li jkun irċieva taħt ir-regolament 15, u l-effettività tad-*data* dwar l-istatistika miġbura taħt dan ir-regolament.

Proċeduri u obligazzjonijiet dwar rappurtaġġ.

15. (1) Il-persuni suġġetti għandhom jeżaminaw b'attenzjoni spejali, u skond kemm ikun possibbli, l-isfond u l-għan ta' kull operazzjoni komplessa jew kbira, inkluż modi ta' operazzjonijiet mhux tas-soltu, li ma jkollhomx għan li jkun jidher li hu ekonomiku jew li jkun viżibilment legali, u kull operazzjoni oħra li x'aktarx tkun partikolarment, mix-xorta tagħha, relatata mal-*money laundering* jew ma' l-iffinanzjar ta' terroriżmu, għandhom jistabbilixxu r-riżultanzi tagħhom bil-miktub, u jagħmlu dawk ir-riżultanzi disponibbli lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-awtorità ta' sorveljanza rilevanti skond il-liġi li tkun tapplika.

(2) Il-persuni suġġetti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għar-relazzjonijiet kummerċjali u għall-operazzjonijiet ma' persuni, kumpanniji u xogħlijiet, inkluż dawk li jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti jew xi attività rilevanti, minn ġurisdizzjoni li ma tkunx tikkonforma mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir-regolament 2, u, meta d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ikunu japplikaw għal dawk l-operazzjonijiet, il-persuni suġġetti għandhom imexxu skond m'hemm provdut fis-subregolament (1).

(3) Meta ġurisdizzjoni, kif imsemmija fis-subregolament (2), tibqa' ma tapplikax miżuri ekwivalenti għal dawk imniżżla f'dawn ir-regolamenti, il-persuni suġġetti għandhom javżaw lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li, b'kollaborazzjoni ma' l-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, tista' teħtieġ li dik ir-relazzjoni kummerċjali ma tibqax għaddejja jew li ma ssirx operazzjoni jew sabiex tiġi applikata kull kontro-miżura oħra skond ma tista' tkun adegwata taħt iċ-ċirkostanzi rispettivi.

(4) Proċeduri ta' rapport interni li jsiru minn persuna suġġetta, għandhom jitqiesu li jkunu skond d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u għandhom jipprovdu għal -

(a) il-ħatra mill-persuna suġġetta ta' wieħed mill-uffiċjali tagħha li jkollu grad suffiċjenti u awtorità bħala

uffiċjal responsabbli, li għandu jsirlu rapport fuq kull informazzjoni jew affarijiet oħra li jwasslu għall-għarfien jew suspetti li persuna setgħet kienet, tkun, jew tista' tkun imdaħħla fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu jew li operazzjoni jista' jkollha x'taqsam ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(b) kunsiderazzjoni ta' dak ir-rapport mill-uffiċjal responsabbli jew minn xi impjegat ieħor imsemmi mill-persuna suġġetta, fil-kuntest ta' kull informazzjoni oħra rilevanti, sabiex jiġi determinat jekk l-informazzjoni jew l-affari l-oħra li tkun fir-rapport twassalx għall-għarfien jew għal xi suspett li persuna setgħet kienet, qegħda jew tista' tkun imdaħħla fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu jew ma tkunx;

(ċ) aċċess raġonevoli għall-uffiċjal responsabbli jew għal xi impjegat ieħor imsemmi dwar xi informazzjoni li jkollha l-persuna suġġetta li tista' tkun ta' għajnuna għall-finijiet li jiġi kunsiderat ir-rapport;

(d) proċedura li biha kull għarfien jew suspett li persuna tista' tkun, qegħda jew setgħet kienet imdaħħla fil-*money laundering* jew fl-iffinanzjar ta' terroriżmu skond kif deċiż mill-uffiċjal responsabbli jew minn xi impjegat imsemmi ieħor għandha tiġi rappurtata skond is-subregolament (6);

(e) l-għoti ta' avviż lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, meta dan ikun japplika, bid-dettalji ta' l-uffiċjal responsabbli u b'kull tibdil li jsirlu wara u l-ħatra ta' l-impjegat imsemmi li jkun intagħżel għall-finijiet tal-paragrafi (b) sa (d); u

(f) kull impjegat li jkun imsemmi mill-persuna suġġetta għall-finijiet tal- paragrafi (b) sa (d) għandu jiġi approvat mill-uffiċjal li jirrapporta u għandu jaħdem taħt id-direzzjoni tiegħu.

(5) Awtorità ta' sorveljanza għandu jkollha proċeduri ta' rappurtar interni skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (4), għalkemm in-nuqqas ta' l-awtorità ta' sorveljanza li jkollha dawk il-proċeduri skond d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma jwasslu għal ebda reat iżda jistgħu jiġu soġġetti għal proċedimenti dixxiplinari interni kontra l-uffijali jew l-impjegati involuti.

(6) Meta persuna suġġetta tkun taf, tissuspetta jew ikollha dubji raġonevoli biex tissuspetta li operazzjoni jista' jkollha x'taqsam ma' *money laundering* jew ma' l-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li persuna setgħet kienet, qegħda jew jista' jkollha x'taqsam mal-*money laundering* jew ma' l-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li l-*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu kien, ikun qiegħed jew jista' jsir jew jiġi attentat li jsir, dik il-persuna suġġetta għandha, malli jkun raġonevolment prattikabbli, iżda mhux iżjed tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jkun tnissel suspett għall-ewwel darba, tiżvela dik l-informazzjoni, li għandha tkun imsejsa fuq identifikazzjoni rilevanti u dokumenti oħra, lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(7) Persuni suġġetti għandhom iżommu lura milli jiġġestixxu xi operazzjoni li tkun suspettata jew magħrufa li jkollha x'taqsam ma'*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu sakemm dawn ikunu għarrfu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skond dan ir-regolament u, meta ma jkunx possibbli li jżommu lura b'dan il-mod jew dan x'aktarx li jtellef l-isforzi ta' investigazzjoni jew li jsegwu lill-benefijarji ta' *money laundering* jew ta' operazzjonijiet ta' finanzjar ta' terroriżmu suspettat, persuni suġġetti għandhom jinfurmaw skond hekk lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja minnufih malli l-operazzjoni tkun saret.

(8) Meta, wara li jiġi kkunsidrat rapport intern, l-uffiċjal responsabbli jew xi persuna oħra msemmija tiddeċiedi li ma tirrappurtax skond dan is-subregolament għal raġunijiet ġustifikabbli skond il-paragrafu (b) tas-subregolament (4), l-uffiċjal responsabbli għandu jniżżel bil-miktub ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni u, meta ssirlu talba, għandu jgħaddi dan ir-rapport lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew lill-awtorità ta' sorveljanza li tkun qegħda taġixxi għan-nom tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja biex titħares il-konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(9) Meta awtorità ta' sorveljanza, jew matul is-sorveljanza tagħha jew b'xi mod ieħor, issir taf b'fatti jew tikseb xi informazzjoni li jista' jkollha x'taqsam mal- *money laundering* jew ma' l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dik l-awtorità ta' sorveljanza għandha, malli jkun prattikabbilment raġonevoli, iżda mhux iżjed tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun saret taf bil-fatti jew minn meta tinkiseb l-informazzjoni, tiżvela dawk il-fatti jew dik l-informazzjoni, li jkollha d-dokumenti rilevanti li jistgħu jkunu disponibbli, lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(10) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu xi attività rilevanti taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" m'għandhomx ikunu marbuta bid-disposizzjonijiet tas-

subregolament (6) jew tas-subregolament (7) jekk dik l-informazzjoni tkun daħlet jew inkisbet fil-waqt li tkun qegħda tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali għall-klijent tagħhom jew meta jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom li jiddefendu jew waqt li jkunu qegħdin jidhru għall-klijent fi jew dwar proċeduri ġudizzjarji, inklużi pariri fuq jekk għandhomx isiru jew jiġu evitati proċeduri, sew jekk dik l-informazzjoni tkun waslet jew ġiet miksuba qabel, matul jew wara dawk il-proċeduri.

(11) Meta, wara li jiġi ppreżentat l-iżvelar kif hemm fis-subregolament (6) jew fis-subregolament (7), jew għal xi raġuni oħra kif permessa bil-liġi, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jitlob informazzjoni mingħand il-persuna li tiżvela jew minn xi persuna oħra suġġetta, dik il-persuna suġġetta għandha tikkonforma ruħha malli jkun prattikabbilment raġonevoli iżda mhux iżjed tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun saret it-talba għall-ewwel darba kemm-il darba dik il-persuna suġġetta ma tkunx ressqet ilmenti li jiġġustifikaw ir-raġuni għaliex l-informazzjoni mitluba ma tkunx tista' tiġi ppreżentata fiż-żmien imsemmi u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, fid-diskrezzjoni tiegħu u wara li jkun ikkunsidra dawk l-ilmenti, għandu jestendi dak il-perjodu kif raġonevolment meħtieġ sabiex jikseb l-informazzjoni, u wara dan il-persuna suġġetta għandha tippreżenta l-informazzjoni mitluba fiż-żmien hekk estiż.

(12) Kull komunikazzjoni jew żvelar li jsir bona fide minn awtorità ta' sorveljanza jew minn persuna suġġetta jew minn xi impjegat jew direttur ta' dik l- awtorità ta' sorveljanza jew ta' persuna suġġetta skond dawn ir-regolamenti m'għandhiex titqies bħala ksur tad-dmir tas-sigriet professjonali jew ta' xi restrizzjoni oħra (sew jekk imposta permezz ta' xi liġi sew xort'oħra) meta tiġi żvelata l-informaazzjoni u m'għandhiex tkun tinvolvi lil dik l-awtorità ta' sorveljanza jew lil dik il-persuna suġġetta jew lid-diretturi jew lill-impjegati ta' dik l-awtorità ta' sorveljanza jew lil dik il-persuna suġġetta f'xi nuqqas ikun kif ikun.

(13) Kull informazzjoni li tiġi żvelata taħt dawn ir-regolamenti għandha tintuża biss b'konnessjoni ma' investigazzjonijiet ta' *money laundering* u, jew ma' l-iffinanzjar ta' attivitajiet dwar it-terroriżmu.

(14) Kull awtorità investigattiva, li tħarrek, ġudizzjarja jew amministrattiva u persuni suġġetti għandhom jipproteġu u jżommu b'mod kunfidenzjali l-identità ta' persuni u impjegati li jirrapurtaw suspetti ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu sew internament sew lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(15) Persuna suġġetta li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, jew li tonqos milli tiżvela l-informazzjoni kif meħtieġa bis-subregolament (6) jew bis-subregolament (7) jew li tonqos milli tippreżenta informazzjoni kif hemm taħt is-subregolament (11), tista' teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

(16) Pieni amministrattivi taħt is-subregolament (15) għandhom ikunu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti u jistgħu jiġu imposti jew bħala piena ta' darba jew fuq bażi kumulattiva ta' kuljum sakemm issehħ il-konformità, iżda f'dan l-aħħar każ il-piena akkumulata m'għandhiex teċċedi l-piena ta' tnax il-elf u ħames mitt euro (€12,500).

Projbizzjoni ta' żvelar.

16. (1) Persuna suġġetta, awtorità ta' sorveljanza jew kull uffiċjal jew impjegat ta' persuna suġġetta jew awtorità ta' sorveljanza li tiżvela lil persuna involuta jew lil terzi, b'mod ieħor minn kif provdut f'dan ir-regolament, li tkun qegħda ssir jew li tista' ssir investigazzjoni, jew li tkun ġiet trasmessa jew li tista' tiġi trasmessa informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja konformement ma' dawn ir-regolamenti, jkunu ħatja ta' reat u jistgħu, meta jinsabu ħatja jeħlu multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), kull żvelar li jsir taħt iċ-ċirkostanzi li ġejjin m'għandux jikkostitwixxi ksur ta' dak is-subregolament:

(a) kull żvelar li jsir lill-awtorità ta' sorveljanza li tkun rilevanti għal dik il-persuna suġġetta jew ma' aġenziji għall-infurzar tal-liġi skond xi liġi li tkun tapplika;

(b) kull żvelar li jsir mill-uffiċjal responsabbli ta' persuna suġġetta li jkun qiegħed jiġġestixxi kummerċ finanzjarju rilevanti lill-uffiċjal responsabbli ta' xi persuna jew persuni oħra li jkunu qegħdin jiġġestixxu attivitajiet ekwivalenti u li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpanniji tal-persuna suġġetta ta' qabel, kemm jekk din tkun sitwata domestikament, fi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew f'ġurisdizzjoni ta' fama;

(ċ) kull żvelar mill-uffiċjal responsabbli ta' persuna suġġetta li jiġġestixxi attivitajiet taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira 'attività rilevanti' lill- uffijal responsabbli ta' xi persuna jew persuni oħra li jiġġestixxu attivitajiet ekwivalenti, li jiġġestixxu attivitajiet professjonali kemm bħala impjegati jew le, iżda fil-kuntest ta' l-istess persuna ġuridika jew fil-kuntest ta' struttura akbar li l-persuna suġġetta tkun tappartjeni għaliha u li jkollha proprjetà komuni magħha, kontroll fit-tmexxija jew konformità, kemm jekk din tkun tinsab domestikament, f'xi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew f'ġurisdizzjoni ta' fama;

(d) kull żvelar bejn l-istess kategorija professjonali ta' persuni suġġetti msemmija fil-paragrafu (b) u fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subregolament f'każijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istess klijent u l-istess operazzjoni li jinvolvu żewġ istituzzjonijiet jew persuni jew aktar, kemm jekk dawn ikunu jinsabu domestikament, f'xi Stat Membru ieħor tal-Komunità jew f'xi ġurisdizzjoni ta' fama, iżda dawk il-persuni suġġetti jkunu soġġetti għal obbligazzjonijiet ekwivalenti dwar is-segretezza professjonali u l-protezzjoni ta''*data* personali u, sakemm ukoll l-informazzjoni skambjata tintuża biss għall-finijiet tal-prevenzjoni ta''*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(3) Il-fatt li persuna suġġetta kif imsemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tkun qegħda tipprova tiddisswadi lil xi klijent milli jieħu sehem f'xi attività illegali m'għandux ikun jikkostitwixxi żvelar bi ksur tas-subregolament (1).

(4) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jistabbilixxi li ġurisdizzjoni ma tkunx konformi mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama kif imfissra fir-regolament 2, jew meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja ikun xort'oħra mgħarraf li ġurisdizzjoni ma titqiesx li tkun konformi mal-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' fama, hija għandha, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' sorveljanza rilevanti, tipprojbixxi lil persuni suġġetti milli japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) dwar persuni u istituzzjonijiet minn dik il-ġurisdizzjoni.

Proeduri ta' implimentazzjoni.

17. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, bi ftehim ma' l-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, jista' joħroġ proċeduri u gwida skond ma jista' jkun meħtieġ għall-ġestjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u dawn għandhom ikunu jorbtu lil persuni li jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti jew xi attività rilevanti.

(2) Persuna suġġetta li tonqos milli tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' proċeduri u gwida stabbiliti skond is-subregolament (1) tista' teħel il-pieni amministrattivi skond kif provdut taħt ir-regolament 15(15) u (16).

(3) Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza dwar il-konformità taħt l-Att kontra *Money Laundering*, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jissorvelja lil persuni li jkunu qegħdin iwettqu 'attività rilevanti', bl-eċċezzjoni ta' dawk taħt il-paragrafu (g) u l-paragrafu (h), fuq bażi ta' sensittività għar-riskju.

Jirrevoka A.L. 199 ta' l-2003.

18. Ir-Regolamenti ta' l-2003 kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, qegħdin b'dawn jiġu revokati:

Iżda din ir-revoka m'għandhiex:

(a) taffettwa t-tħaddim preċedenti tar-regolamenti li qegħdin jiġu hekk revokati jew xi ħaġa li tkun saret jew li ġiet imġarrba taħt dawk ir-regolamenti;

(b) taffettwa l-bidu, it-tkomplija jew l-infurzar ta' xi inkjesta, investigazzjoni jew proċediment legali taħt ir-regolamenti li qegħdin jiġu hekk revokati jew l-impożizzjoni ta' xi piena jew kastig taħt id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.